**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Hubert Cini)**

**vs**

**Christa Urry**

**Illum 5 ta' Marzu, 2020**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Christa Urry detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 476689(M) billi hija akkuzata talli nhar it-02 ta' Mejju 2018, ghal habta tal-22:00hrs u 23:00hrs minn Rahal l-Gdid (Paola) Malta ikkommetiet serq ta' Van bin-numru tar-registrazzjoni KBS475 tal-ghamla Ford Transit ta' lewn abjad ghad-dannu ta' Saeid Azzam liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, valur, hin xorta tal-haga misruqa u dan bi ksur tal-artikoli 261(b), 261(c), 261(f), 261(g), 263(a), 267, 270, 271(g), 279(b) tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Aktar talli fl-istess lokal, dati, hin u cirkostanzi flimkien ma' persuna ohra mhux maghrufa bil-hsieb li ghamlet li serqet mill-hanut XIK's uriet dan il-hsieb b'atti esterni u taght bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma jkunx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-

volonta` taghha u dan bi ksur tal-artikli 261(b), 261(c), 261(f), 263(a), 267, 270, 279(b) tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba biex tittratta mal-imputata bhala wahda li rrendiet ruhha recediva b'diversi sentenzi fil-Qorti ta' Malta li gew defenittivi u ma jistawx jinbidlu, kif pruvat fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputata, debitament assistita mill-konsulent legali taghha tenniet li hija ħatja ghall-akkuzi kollha miġjuba kontra taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghatat zmien xieraq sabiex jekk trid terga lura minnha.

Illi l-imputata regghet tenniet ammissjoni ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata taghha, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha kif minnha ammessi.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata irregistrat ammissjoni fi stat bikri ta' dawn il-proceduri. Illi wkoll, il-Prosekuzzjoni u d-Difiza issottomettew illi f'kaz t'ammissjoni mill-imputata, l-piena m'ghandix tkun wahda karcerarja jew pekunarja stante in-natura u c-cirkostanzi tal-kaz odjern.

**DECIDE:**

Għaldaqstant, wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261(b), 261(c), 261(f), 261(g), 263(a), 267, 270, 271(g), 279(b) tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tal-Kodici Kriminali il-Qorti qegħda ssib lil Christa Urry ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontriha; iżda peress li hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi jissussistu l-elementi rikjesti mill-Liġi, ai termini tal-Artikolu 7(1)(2)(5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda tpoġġi lill-hatja taħt Ordni ta' Probation għal perjodu ta' tliet snin milllum.

Ai termini tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti fissret lill-ħatja bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li tonqos milli tikkonforma ruhha ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li taghmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, tista' tinghata sentenza għar-reat li tiegħu tinstab hatja b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni tat-trattament hawn fuq imsemmi.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation mogħti bid-Digriet ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja uffiċjal tal-probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħatja.

L-Uffiċjal tal-Probation assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill- Qorti kompetenti bil-progress tal-ħatja kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lil Avukat Generali fi zmien li tipprovdi l-ligi.

-----------------------------

**Dr Joseph Mifsud**

**Magistrat**

Margaret De Battista

Deputat Registratur